MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 311/1997/1

Paul Barbara
vs
Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 huwa sofra ingustizzja f'li nghata transfer vendikattiv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Ir-rikorrent kien dahal jahdem bhala messenger/driver fl-1981. Fl-1986, ir-rikorrent kien imqabbad jaghmel xoghol ta' clearing driver, liema xoghol kien igorr mieghu allowance specjali. Ir-rikorrent qatt ma kellu rapporti hziena u dejjem ghamel xogholu kif suppost tant li kien sahansitra jahdem bil-karozza privata tieghu sakemm il-Bank xtara l-karozzi tieghu.

Illi fl-1987, ir-rikorrent kien gie trasferit ghal Floriana Branch u meta r-rikorrent talab ir-raguni hu kien avzat li kienet il-policy tal-Bank li ma ddumx iktar minn sena tahdem fis-sezzjoni tal-clearing. Madankollu min mar floku dam izomm il-post tieghu sal-lum. Illi fl-1984, meta kien ghadu jahdem il-Floriana Branch hu ma kienx inghata l-overtime meta kien ikun imissu u dan l-overtime kien jinghata kollu lill-messaggier iehor.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddecciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistghax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista ta' xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fil-31 ta' Lulju 1997, ir-rikorrent Paul Barbara kien ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi ssottometta li hu kien jahdem bhala messenger/driver bejn 1981 u 1987. Ir-rikorrent kien allega illi kien ikollu allowance specjali konness max-xoghol tieghu.

Illi fil-1987, ir-rikorrent kien gie trasferit ghal Floriana Branch u meta r-rikorrent talab ir-raguni hu kien avzat li kienet il-policy tal-Bank li ma ddumx iktar minn sena tahdem fis-sezzjoni tal-clearing. Madankollu min mar floku dam zamm il-post tieghu sal-lum. Illi fl-1984 meta kien ghadu jahdem il-Floriana Branch hu ma kienx jinghata overtime meta kien ikun imissu u dan l-overtime kien jinghata kollu lill-messagier iehor.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talab li jinghata rimedju billi jigi ordnat u jigi rimedjat finanzjarjament, li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Illi ghandu jinghad li l-Bank of Valletta Limited qatt ma kien ezercita transfers vendikattivi fil-konfront ta' l-istess Paul Barbara in kwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghal Bank of Valletta li haddiem jigi trasferit minn post ghall-iehor wara perjodu ta' servizz u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors tieghu stess, l-istess Paul Barbara ma kienx allega fl-ebda waqt li kienu ddahhlu nies anqas kwalifikati minnu u ghalhekk il-Bank ma fehemx liema pregudizzju kien allega l-istess Paul Barbara.

Illi l-Artikolu 6 (1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn il-1987 u 1995 jirrizulta dan li gej.

*It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza* ***indebita*** *li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta xi ….*

Illi mill-fatti kien sejjer jirrizulta li r-rikorrent la kienet saritlu ingustizzja u l-anqas bl-ebda mod ma kienet saritlu *xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita,* tul l-impieg tieghu mal-Bank Of Valletta Ltd.

Illi ghaldaqstant l-intimati Bank Of Valletta Limited talbu lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li qal li fl-1986 kien jahdem bhala clearance driver fil-garaxx tal-Bank of Valletta l-Hamrun fejn kien jircievi xi allowance. Qal ukoll li wara li ma kienx accetta li jidhol fil-M.U.B.E. kien gie trasferit fil-branch tal-Floriana bhala messagier. Semma li meta kien fil-branch tal-Furjana, kienu jaqsmu l-overtime hu u messagier iehor. Izda qal li meta nbidel il-Branch Manager u gie certa John Falzon, l-overtime ma baqax jitqassam ugwalment. Semma li Joe Pollacco li kien Junior tieghu kien qed jinghata l-overtime hu biss, u meta pprotesta dwar dan il-Manager irrispondieh li Pollacco kien jaghmel xoghol ta' arkivji. Zied ighid li meta vverifika x-xoghol li kien qed jaghmel Pollacco rrizulta li dan kien qed jaghmel xoghol ta' messagier ukoll minbarra xoghol ta' arkivji. Spjega li kien ha l-bicca xoghol bi kbira u kienet qabditu dipressjoni u kellu johrog bis-sick leave. Hu hass li kien qed ikun diskriminat politikament u ghalhekk kien kellem lis-Sur Pace u kien gie trasferit tas-Sliema fejn stqarr li kien gie rispettat.

Xehed John Falzon Branch Manager li qal li kien Branch Manager fil-Floriana Branch. Qal li fil-Branch tal-Furjana kien hemm zewg messagiera, r-rikorrent u Joe Pollacco. F'din il-branch kien hemm xoghol tal-arkivju u dan kien jaghmlu Pollacco. Qal li r-rikorrent gieli talbu biex jaghmel l-overtime imma ma tantx kien juri hegga. Zied ighid li s-Sur Pollacco kien junior tas-Sur Barbara. Qal li hu ma kienx obbligat jikkonsulta kif iqassam l-overtime u dehrlu li peress li Pollacco kien jaghmel xoghol tal-arkivju filghodu allura ra li jkun ahjar li kieku jkompli jaghmlu hu. Ikkonferma li dam fil-Branch tal-Furjana mill-1992 sa l-1999. Qal li hu hekk ra li taghmel sens li peress li Pollacco kien jaghmel dan ix-xoghol mit-Tnejn sas-Sibt. Zied ighid li meta s-Sur Barbara tnehha mill-clearing, dan ma kienx kaz individwali imma kien process ta'

kambjament, spjega li kien dahal biss dwar kif se tigi mplimentata s-sistema.

Xehed Alfred Pace Manager fil-Personnel Department tal-Bank of Valletta. Qal li trasferiment ta' impjegat johrog mill-Human Resources Division. Fir-rigward ta' l-staff movements, qal li dawn isiru skond l-ezigenzi tas-servizz u ma hemmx guidelines. Esebixxa wkoll Dok RT1 a fol 65 tal-process li juri l-overtime ta' Barbara u ta' Pollacco fl-1991, 1992 u 1993. Ipprezenta wkoll Dok RT2 a fol 66 b'informazzjoni dwar erba' clearing drivers. Dwar id-differenza kbira tal-overtime, bejn Barbara u Pollacco qal li l-unika haga li jista' ighid li Pollacco kien jaghmel xoghol ta' arkivji u kien jaghmel dan qabel mar il-Furjana. Hu esebixxa Dok AP1 b'informazzjoni dwar salarju, bonus, overtime u allowances. Cahad li r-rikorrent inghata trasferiment vendikattiv meta ma baqax jaghmel ix-xoghol ta' clearing driver u dan anki peress li kien ghadda z-zmien minn Mejju 1987 sa Lulju 1988, id-data meta gie trasferit. Zied ighid li tlieta minn erba' clearance drivers godda li kienu ntaghzlu kienu membri tal-General Workers Union u dawn kienu jaghmlu x-xoghol ta' clearing drivers ghal hafna snin. Qal ukoll dwar l-overtime li kien ha l-messagier Joseph Debono fil-Branch tal-Furjana u gew esebiti dokumenti minn fol 97 sa 161 tal-process.

Xehed Ray Lanzon Human Resources Manager mal-Bank of Valletta li qal li Alfred Zammit u Alfred Ferrigi kienu gew impjegati ufficjalment mal-Bank bhala Messenger Drivers fl-1 ta' Mejju 1987. Qal li dawn damu sa Lulju 1988 jaghmlu xoghol fil-clearing u wara gew trasferiti. Zied ighid li f'Mejju 1988 kien gie deciz mill-Bank "to terminate the agreement whereby the bank is hiring four motor vehicles from the messangers for Clearing duties." The Bank will be using its own vehicles…" Dok RL2 Pagna 57. F'Dok RL3 a fol 58 datat 25 ta' Gunju 1988 jinghad "In collaboration with the Administration Manager, we have agreed on the names hereunder mentioned to perform clearing duties. Wara jissemma li kien hemm ghoxrin applikant u intghazlu erbgha u r-rikorrent ma kienx wiehed minnhom. Qal ukoll li ma jidhirx li kien hemm rapporti negattivi fil-konfront ta' Barbara. Fir-rigward tax-xoghol ta'

l-arkivju qal li dan jista' jsir minn messagier jekk ikun iggwidat u ccekjat wara minn skrivani jew supervisors. Semma wkoll li bhala regola xoghol ta' arkivju jsir matul il-gurnata mhux wara l-hin. Qal li f'dan il-kaz id-decizjoni taqa' f'idejn il-Branch Manager.

Xehed Frank Mallia Personnel Manager tal-Bank of Valletta minn Ottubru 1984 sa Mejju 1987. Hu qal li Paul Barbara kien impjegat tal-Bank, filwaqt li l-ohrajn kienu impressed drivers. Zied ighid li r-rikorrent kien ilu hafna snin jaghmel xoghol ta' clearing driver u li qatt ma kien hemm rapporti kontra tieghu. Zied ighid li Barbara kien juza l-vettura personali tieghu u li kien jinghata allowance minhabba dan.

Xehed Rene Formosa Manager f'Republic street Branch minn Jannar 1986 sa Settembru 1987. Qal li jiftakar li f'dak iz-zmien kien sar rapport mill-Bank fir-rigward tal-clearing drivers. Qal li kien sar bullettin biex jixtru l-vetturi u fil-fatt harget sejha ghall-applikazzjoni biex jinxtraw il-vettura u in segwitu gew appuntati messenger drivers. Qal li s-sistema nbidlet totalment u li ma kienx involut fl-ghazla tan-nies. Zied ighid li dwar is-Sur Barbara jaf li kien impjegat tal-Bank u li kien juza l-karozza tieghu ghall-clearing.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ghandu zewg aspetti u cioe`

✓ Li huwa ma thallix jaghmel xoghol ta' clearing driver fl-1988 wara li kien ghamel snin jaghmel dan;

✓ Li meta gie posted il-Branch tal-Furjana huwa ma kienx jinghata overtime.

F'dan listadju hu importanti li t-Tribunal jirriproduci dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent.

Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bilfors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-Att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) (c) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecieda fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **<u>terminazzjoni ta' impieg</u>** [ara wkoll

Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**,

Differenti hu l-kaz ta' **"Downgrading"** li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni. Differenti hu wkoll il-kaz ta' "**Constructive dismissal"** [ara Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited deciza in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997 ].

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **<u>redundancy pay, hlas ta' bolol, u nuqqas ta' hlas ta' increments.</u>** Dwan ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza tat-Tribunal. Dwar increments ara Sultana Grezzju vs Mid-Med Bank fuq imsemmi. Redundancy pay tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal u r-rikorrent kellu rimedji ohra miftuha ghalih mhux taht dan l-Att."

Minn ezami tas-sentenza ikkwotata johrog car li l-aspetti tal-ilment tar-rikorrent jesorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal. Infatti t-tieni aspett tal-ilment huwa car kristall u gie dikjarat li mhux kompetenza tat-Tribunal f'diversi kawzi. Infatti t-Tribunal dejjem sostna li kif qedgha il-ligi ilment dwar overtime ma hux sostenibbli quddiemu sakemm it-telf tieghu mhux konsegwenza naturali ta' xi aspett iehor li hu ta' kompetenza tat-Tribunal u t-telf tal-overtime huwa konsegwenza bhal fil-kaz ta' meta wiehed jigi trasferit ingustament u kawza ta' din l-ingustizzja jitlef l-overtime [ ara Charles Debono vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza 6/9/2000, u Mizzi Alessio vs Ufficjal inkarigat mill-Ufficju Elettorali 24/1/2001 u Camilleri Emmanuel vs Direttur Generali MPO 5/9/2000 ].

L-aspett l-iehor dwar l-allowance ta' clearance driver jista' jassumi aktar diffikulta biex jigi ccarat izda xorta wahda jesorbita l-kompetenza tat-Tribunal. Allowances certament ma humiex kompetenza tat-Tribunal [ ara Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 u Anthony Vella vs Kalaxlokk deciza 22 ta' Gunju, 1998]. Izda r-rikorrent forsi seta' jiggranfa dufrejh taht l-aspett li meta l-Bank biddel il-policy tieghu dwar Clearing Drivers u l-uzu tal-vetturi taghhom, ir-rikorrent ma baqghax jaghmel dan ix-xoghol u gie nominat hadd iehor wara li saru applikazzjonijiet. Jibda biex jinghad li din propjament ma hiex hatra u ghalhekk tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal, izda hemm ukoll l-

aspett l-iehor li ma sarux provi relativi komparattivi bejn ir-rikorrent u dawk li fil-fatt gew imqabbdin jaghmlu dak ix-xoghol. Irrizulta li tlieta minn dawk l-erbgha li tqabbdu jaghmlu dan ix-xoghol fil-fatt kienu mal-istess Union li kien fiha r-rikorrent.
Ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------